**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Romina Zerafa

vs

Malta University Residence

CCT 101/18/MS

13 ta' Frar 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-6 ta' Lulju 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' erba' mija u sebgha u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€447.94), depozitu mhallas fuq booking maghmul lil entita' intimata, liema booking gie mhassar mill-istess rikorrenti.

Ra r-risposta tal-entita' intimata prezentata fit-12 ta' Settembru 2018 fejn ipprezentat numru ta' emails sabiex tiggustifika l-agir taghha.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi skond ir-rikorrenti Romina Zerafa, fi Frar tal-2018 kellha xi hbieb gejjin Malta u riedet tibbukja mawra fil-Kappara Hotel f'San Gwann. Marret personalment biex taghmel il-*booking*, u giet avzata li dana kellu jsir mill-University Residence u kellha tigi gwidata minn hemm. Ghamlet hekk u kellmet lil Marlon Grech, fejn ftehmu fuq il-prezz u d-dati tal-mawra.
Fil-21 ta' Frar 2018 fil-17.46 hrs, ir-rikorrenti baghtet email lil Marlon Grech fejn qaltlu testwalment *"OK, confirmed, this evening or early tomorrow you'll reserve the payment. Can you confirm me if they are staying in the kappara hotel pleas."* Wara dan l-email sar id-depozitu. Ghal din l-email ir-rikorrenti ma rcevietx risposta ghal xi jiem sakemm fis-26 ta' Frar 2018 Marlon Grech irrisponda fejn qal li ma kienx ra l-email ghaliex kien imsiefer u li l-*booking* kellu jkun ghal University residence u staqsa *"how come this mix up?"*

Illi r-rikorrenti irrifjutat illi takkomoda l-hbieb taghha fil-University residence ghax dehrilha illi ma kienx ta' livell mehtieg u ghalhekk hassret il-*booking*. L-entita' intimata irrifjutat illi taghti l-flus lura izda gest ta' rieda tajba, permezz ta' email datata 28 ta' Frar 2018 offrewlha s-somma ta' mija u hamsa Euro. Ir-rikorrenti irrifjutat din l-offerta u saret din il-kawza.

Ikkunsidra

Illi l-versjoni li ta Marlon Grech ma tantx tvarja minn dik illi tat ir-rikorrenti. Hu ovvju illi kien hemm malintiz bejniethom li wassal ghal din it-tahwida. Ir-rikorrenti dejjem kellha f'mohhha li l-*booking* kellu jkun il-Kappara Hotel u minn hemm giet indirizzata biex tikkomunika mal-University residence peress illi l-*bookings* isiru minn hemm. Kemm il-University Residence kif ukoll il-Kappara Hotel huma gestiti mill-istess azjenda u l-ufficini tal-amminstrazzjoni qeghdin il-University Residence. Meta r-rikorrenti cemplet f'din l-ahhar entita' biex taghmel il-*booking* ma jidhirx illi semmiet specifikament illi riedet il-Kappara Hotel, ghad illi f'mohhha dejjem dan kien il-kaz. Assumiet erronjament illi ladarba giet indirrizata mill-Kappara Hotel ghal University Residence, ergo l-*booking* kellu jkun ghal Kappara Hotel. Jidher, pero', illi fl-istess gurnata meta sar il-*booking* u cjoe fil-21 ta' Frar 2018, kellha xi ripensament peress illi kitbet email fil-17.46 hrs sabiex tikkonferma li l-*booking* kellu jkun il-Kappara Hotel. Marlon Grech ighid illi huwa siefer fit-22 ta' Frar u ghalhekk ma rax dak l-email qabel ir-ritorn tieghu fl-ufficju - fil-26 ta' Frar 2018.

Illi mhijiex skuza illi Marlon Grech ighid illi huwa ma rax l-email tar-rikorrenti ghax kien imsiefer. Apparti l-fatt illi dina ntbaghtet gurnata qabel ma suppost siefer, illum huwa possibbli li jkollok access ghal emails tieghek tkun fejn tkun kullimkien fid-dinja. U jekk ghal grazzja tal-argument, dan ma kienx il-kaz, allura missu avza lir-rikorrenti illi kien ser ikun imsiefer mill-ghada u li kwalunkwe domanda kellha tigi indirizzata lil persuna ohra li missu indika hu f'dak l-email. Sa dak l-istadju, u cjoe' 21 ta' Frar 2018 fil-17.46 hrs, il-*booking* ma kienx ghadu finalizzat ghax il-flus ma kienux ghadhom ghaddew u Grech ghamel hazin meta halla din il-kwistjoni mdendla minghajr ma rrefera ghal xi persuna kompetenti sabiex tkompli x-xoghol fejn halla hu, meta skond kif xehed hu, kien ha jkun imsiefer mill-ghada.

Illi jekk kien hemm xi *"mix up"* dan zgur illi sar min-naha ta' Grech u l-organizzazjoni tal-University Residence illi messhom kienu cari mal-ewwel ghall-liema residenza kienu qeghdin jirreferu. Ir-rikorrenti ma kellha l-ebda mezz (u mhux suppost illi) tkun taf kif kien *is-set up* organizattiv tar-residenza u l-Kappara Hotel. Marret il-Kappara Hotel, li kien l-iskop taghha mill-bidu nett u giet indirizzata tikkomunika mal-University Residence fejn qalulha li kellu jsir il-*booking*. F'mohhha dejjem ghal Kappara hotel. It-tahwida saret min-naha tal-University Residence meta kkonfermaw il-*booking* u talbu l-flus minghajr ma ccaraw mal-klijent fejn kellu jsir il-*booking*.

Illi meta tkun qed topera zewg lukandi/ residenzi minn post wiehed u jigi klijent biex jaghmel *booking*, facli li *mix-up* bhal dan jigri, u iktar u iktar allura l-azjenda ghandha tkun cara u attenta mill-bidu nett (mill-mument illi l-operator/ front desk jircevi t-telefonata) ghall-liema lukanda qed isir il-*booking* u ma tistax imbaghad twahhal fil-klijent ghax ma kienx car fit-talba tieghu. F'dan il-kaz il-klijent, Romina Grech, kienet ferm cara fejn riedet tallogja l-hbieb taghha. L-email tal-21 ta' Frar 2018 17.46hrs ma jhalli l-ebda dubju dwar dan. u ma kienx tort taghha illi din l-email baqghet mhux imwiegba jew indirrizata sa' hamest ijiem wara.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-entita' intimata ghandha tkun responsabbli ghal dan il-malintiz illi gie kawzat minhabba nuqqas ta' carezza u forsi ftit negligenza daparti tal-entita' intimata u ghalhekk timmerita rifuzjoni tad-depozitu imhallas.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-entita' intimata li tirrifondilha s-somma ta' €447.94. Bl-ispejjes kontra l-entita' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru